MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 131/2006

**P.L. Madeleine Firman fil-kwalita' taghha ta' mandatarju specjali tas-socjeta' estera Husqvarna Belgium SA**

**vs**

**Marmista Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat id-9 ta' Mejju tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attrici nomine sejhet lis-socjeta' intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta’ ghaxart elef, disa’ mija u erbgha u ghoxrin Euro u sebgha u erbghin centezmu (10,924.47), ekwivalenti llum fi flus maltin ghal erbat elef, hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltin usitta u tmenin centezmu, (LM4,551.86,0), dovuta mis-socjeta’ intimata lir-rikorrenti nomine u rapprezentanti l-prezz ta’ oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta’ estera Diamant Boart S.A., N.V. fuq inkarigu tas-socjeta’ intimata stess, kif jidher miz-zewg fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u dok B, l-import ta’ liema fatturi ghadu sal-lum ma thallasx;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ intimata li hija wkoll ingunta in subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata datata l-5 ta’ Lulju tas-sena 2006 li permezz taghha eccepiet is-segwenti;

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt ukif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi l-merkanzija ma gietx konsenjata skond kif miftiehem bejn il-partijiet u bhala konsegwenza ta’ dan, is-socjeta’ konvenuta sofriet danni stante illi ma rnexxilhiex tonora l-ftehim li kellha ma’ terzi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal datat is-6 ta’ Marzu tas-sena 2007 li permezz tieghu ir-rapprezentanti legali ta’ l-attrici nomine nforma lill-qorti li ma kellux aktar provi x’jipproduci;

Rat il-verbal datat il-31 t’Ottubru tas-sena 2007 li permezz tieghu ir-rapprezentanti legali tas-socjeta’ intimata nforma lill-qorti li ghalkemm ghamel sforzi kbar biex jinnotifika lis-socjeta’ konvenuta din ma wrietx interess fil-procedura u ghalhekk jirrimetti ruhu;

Tirrileva li s-socjeta' intimata kellha tlett (3) udjenzi rizervati appozitament ghaliha biex hi tkun tista' tressaq il-pozizzjoni taghha quddiem din il-qorti izda dan irrizulta li kien kollu inutili;

Ikkunsidrat:

Illi mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorenti nomine jirrizulta assodat li s-socjeta' li qed tirrapprezenta bieghet u kkonsenjat il-merkanzija indikata fl-istess dokumenti u dan, fuq struzjonijiet ta' l-istess socjeta' intimata, (ara fol 24 et sequitur);

Illi nonostante li l-istess socjeta' intimata rceviet l-istess merkanzija, hadet pussess taghha u ma wriet li kellha l-ebda ilment fir-rigward, baqghet ma hallsitx il-korrispettiv dovut lill-attrici nomine;

Illi ghalkemm jirrizulta li pprezentat risposta ghat-talbiet ta' l-attrici nomine, is-socjeta' intimata ma nteressatx ruhha aktar f'din il-procedura nonostante l-impenn muri mir-rapprezentant legali taghha u l-opportunitajiet li nghatat biex taghmel dan;

Illi ghaldaqstant din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li fin-nuqqas tal-kontropass, taccetta bhala assodat dak mitlub mill-attrici nomine;

Ghaldaqstant din il-qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta' intimata Marmista Limited hi debitrici versu l-attrici nomine fl-ammont ta' erbat elef, hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu, (LM4,551.86,0), ammont dovut ghall-konsenja ta' makkinarju mibjugha lill-istess socjeta' intimata;

2. Tikkundanna lis-socjeta' ntimata Marmista Limited biex thallas l-ammont hekk likwidat lill-attrici nomine Madeleine Firman, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet

dovuti skond il-ligi mid-data tal-prezentazzjoni tar-rikors promotur.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------